

31972D0279

7.8.1972

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 179/1

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**  
**tal-31 ta' Lulju 1972**  
**li twaqqaf Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola**

(72/279/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

*Artikolu 2*

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat l-abbozz tad-deċiżjoni mibgħuta mill-Kummissjoni;

Billi, għall-għan li tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, dispożizzjoni għandha ssir fl-atti adottati mill-Kunsill li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatistika agrikola għal proċedura li tistabbilixxi koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni; billi, sabiex tinkiseb koperazzjoni bħal dik, għandu jitwaqqaf Kumitat biex iwettaq id-dmirijiet assenjati lil minn atti bħal dawk;

Billi huwa mixtieq li dan il-Kumitat għandu jikkunsidra kull kwistjoni oħra li tista tinqala' b'konnessjoni ma' atti bħal dawn,

Il-Kumitat għandu jwettaq id-dmirijiet assenjati lilu bid-dispożizzjonijiet adottati mill-Kunsill fil-qasam ta' l-istatistika agrikola fil-każijiet u taħt il-kondizzjonijiet provduti fihom. Jista', barra minn hekk, jikkunsidra kull kwistjoni oħra li tista' tinqala' b'konnessjoni ma' dispożizzjonijiet bħal dawk u riferita lilu mill-President jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba ta' xi Stat Membru.

*Artikolu 3*

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il- "Kumitat") huwa b'dan imwaqqaf; għandu jkun jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Lulju 1972.

*Għall-Kunsill**Il-President*

T. WESTERTERP